MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 895/2004

**Alphonse Sant**

**vs**

**Petroil Engineering & Construction Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' April, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' elf u tlieta u tletin lira Maltin (Lm1033) rappresentanti l-prezz ta' biljetti ta'l-ajru mibjugha u ikkonsenjati lis-socjeta konvenuta fuq ordni taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 22 ta' April 2004 u bl-imghaxijiet mit-30 ta' Settembru 2002 kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' elf u tlieta u tletin lira Maltin (Lm1033), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Settembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------